**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0069/2025 }**
**B10-0072/2025 }**
**B10-0078/2025 }**
**B10-0081/2025 }**
**B10-0084/2025 } RC1**

22.1.2025

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 150(5) u l-Artikolu 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0069/2025 (S&D)
B10-0072/2025 (Verts/ALE)
B10-0078/2025 (Renew)
B10-0081/2025 (PPE)
B10-0084/2025 (ECR)

dwar il-każ ta' Jean-Jacques Wondo fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo
(2025/2510(RSP))

**Sebastião Bugalho, Wouter Beke, Isabel Wiseler-Lima, Michael Gahler, Luděk Niedermayer, Christophe Gomart, Antonio López-Istúriz White, Danuše Nerudová, Davor Ivo Stier, Michał Wawrykiewicz, Jessica Polfjärd, Tomáš Zdechovský, Andrey Kovatchev, Inese Vaidere**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Francisco Assis, Elio Di Rupo**
f'isem il-Grupp S&D
**Waldemar Tomaszewski, Joachim Stanisław Brudziński, Sebastian**

**Tynkkynen**
f'isem il-Grupp ECR
**Bernard Guetta, Petras Auštrevičius, Oihane Agirregoitia Martínez, Malik Azmani, Dan Barna, Benoit Cassart, Olivier Chastel, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Ľubica Karvašová, Ilhan Kyuchyuk, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Hilde Vautmans, Lucia Yar**
f'isem il-Grupp Renew
**Catarina Vieira**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-każ ta' Jean-Jacques Wondo fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**
**(2025/2510(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK),

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, ratifikat mir-RDK fl-1976, u l-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Prinċipji u l-Linji Gwida dwar id-Dritt għal Proċess Ġust u għall-Assistenza Legali fl-Afrika,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Jean-Jacques Wondo, espert tas-sigurtà, militari u politiku Belġjan-Kongoliż, ġie mistieden f'Kinshasa fi Frar 2024 biex imexxi r-riformi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Intelligence Kongoliża, l-ANR;

B. billi Wondo ġie arrestat wara kolp ta' stat li falla fid-19 ta' Mejju 2024, li għalih ġie akkużat bħala l-"awtur intellettwali", minkejja li b'mod konsistenti baqa' jinsisti li huwa innoċenti; billi l-akkużi kienu bbażati fuq xhieda sfurzata u mhux affidabbli;

C. billi fit-13 ta' Settembru 2024, Wondo u 36 persuna oħra ġew ikkundannati għall-mewt minn qorti militari fi proċess li ġie kkundannat b'mod wiesa' għall-ksur serju ta' proċess ġust u għan-nuqqas ta' evidenza kredibbli;

D. billi s-saħħa ta' Wondo marret għall-agħar b'mod gravi fil-kustodja u teħtieġ attenzjoni medika;

E. billi r-RDK neħħiet moratorju fuq il-piena tal-mewt f'Marzu 2024, u dan wassal għal żieda qawwija fis-sentenzi tal-mewt, li jikkontradixxi l-impenji tagħha skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

1. Jikkundanna bil-qawwa l-kundanna għall-mewt ta' Wondo u oħrajn u l-ksur serju tad-dritt tagħhom għal proċess ġust;

2. Iħeġġeġ lill-Gvern tar-RDK jannulla immedjatament is-sentenzi tal-mewt, jerġa' jdaħħal moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet u jieħu passi lejn l-abolizzjoni sħiħa tal-piena tal-mewt;

3. Jesprimi tħassib serju dwar is-saħħa sejra għall-agħar ta' Wondo, jitlob li jingħata aċċess immedjat għal trattament mediku u jinsisti li jinħeles immedjatament;

4. Jiddenunzja l-użu ħażin tal-qrati militari għall-prosekuzzjoni ta' Wondo u jistieden lir-RDK tallinja l-prattiki ġudizzjarji tagħha mal-impenji internazzjonali u reġjonali tad-

drittijiet tal-bniedem;

5. Itenni l-oppożizzjoni kategorika tiegħu għall-piena tal-mewt fi kwalunkwe ċirkostanza u jitlob l-abolizzjoni universali tagħha;

6. Iħeġġeġ lid-delegazzjoni tal-UE f'Kinshasa, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-ministri għall-affarijiet barranin tal-Istati Membri biex jintensifikaw l-impenn tagħhom mal-awtoritajiet tar-RDK, filwaqt li jenfasizzaw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-indipendenza ġudizzjarja u l-istat tad-dritt;

7. Jitlob li jiġu implimentati riformi sistemiċi fir-RDK biex il-ġudikatura tinbena mill-ġdid f'istituzzjoni indipendenti, ġusta u effiċjenti li tiggarantixxi proċess ġust u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern u lill-Parlamenti tar-Reppubblika Demokratika tal-Kongo, lill-Unjoni Afrikana u korpi internazzjonali rilevanti oħra.